MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 468/2003

**Carmelo Bonett**

**Vs**

**Vincent Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma komplessiva ta’ Lm3297 rapprezentanti kwantu ghal Lm3060 bilanc ta’ prezz fuq il-bejgh ta’ mutur numru ta’ registrazzjoni FAL 698 debitament mibjugh u konsenjat lill-konvenut kif jirrizulta mill-kambjali annessi mal-avviz u markati Dok A1 sa Dok A8 li lkoll immaturaw ghal pagament kwantu ghal Lm154 spejjes ta’ mekkanik in konnessjoni mal-istess oggett ta’ bejgh u kwantu ghal Lm92 flus mislufa lill-konvenut brevi manu.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali li bdew jiddekorru mid-data tal-bejgh tal-mutur precitat kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-imsemmija kambjalijiet esebiti in atti a fol 2 sa fol 8 tal-istess atti u markati Dok A1 sa Dok A8.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess u a fol 11 ‘a tergo’ jidher li l-konvenut gie notifikat skond il-ligi izda lanqas deher ghas-seduta tallum u lanqas ma ppresenta nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub.

Illi da parti tal-attur, deher hu stess, u fix-xhieda tieghu, ikkonferma dak kollu dikjarat u premess minnu stess fl-avviz in esami kif ukoll li l-ammont kollu hemm pretiz ghadu dovut sallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm3297.00,0 bl-imghax legali, fuq is-somma ta’ Lm3060.00,0 mid-data ta‘ skadenza ta’ kull kambjala esebita ‘in atti’ sad-data tal-pagament effettiv u, fuq is-somma ta’ Lm217.00,0 mid-19 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------